**Mill-kitba ta' Dun Ġorġ Preca**

TALBA

I. NARAZZJONI: Wara li l-Iben waħdieni tal-Verġni Mbierka Marija Santissma ġie mqiegħed u magħluq fil-qabar, allura din, flimkien mal-Appostlu Ġwanni u ma' Marija Madalena u mat-twajba nisa l-oħra, reġgħet lura f'darha, u hawn għaddew il-lejl flimkien.

II. IMMAĠINATTIVA: Kamra fqira, l-armla Omm Verġni bilqiegħda fuq is-sodda, Ġwanni, Marija Madalena u n-nisa l-oħra li kienu pre żenti għall-mewt kiefra ta' Ġesù Kristu, bilqiegħda wkoll fl-istess kamra, iħarsu kultant lejn l-Omm Santissma fid-dawl ta' musbieħ fi skiet l-aktar kbir.

III. SFILATA TA' ĦSIBIJIET: Fil-ħemda ta' dak il-lejl tassew ta' niket, l-Omm Santissma, mingħajr ma tagħlaq għajn ma' għajn għall-impressjonijiet kbar tagħha fuq il-mewt traġika ta' Binha, f'dik il-velja tilmaħ għaddejjin sfilati quddiem il-moħħ tagħħa, ħaġa ħaġa, il-ħwejjeġ kollha li ġraw taħt għajnejha mal-jum:

> Folol ta' nies, għajjat, dalma tax-xemx, salib, imsiemer, lanza, suldati, sponża, ħbula, bieqja tal-ħall, il-libsa maqsuma f'erba biċċiet, iċ-Ċenturjun, Ġużeppi ta' Arimatea, Nikodemu, qabar, lożor, kitba, it-trasport għad-difna, il-korp divin kollu ġrieħi u bla sura fi ħdanha.
>
> Tistħajjel li qiegħda wieqfa maġenb Binha msallab tisimgħu jitlob għall-maħfra għal dawk li sallbuh; li qiegħda tisimgħu jassigura l-ġenna lill-ħalliel ikkonvertit li kien ċanfar lil sieħbu li ddis prezza lil Ġesù; tistħajjel li qiegħda tisma' 'l Iben maħbub tagħha jgħidilha biex tieħu b'iben tagħha lil Ġwanni u lil Ġwanni jgħidlu li lilha jieħu b'Omm tiegħu; li qiegħda tisimgħu jgħid lill-Missier tiegħu: "*Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni?*"; li qiegħda tara s-suldat iqiegħed max-xufftejn ta' Ġesù sponża bil-ħall għall-kelma "*Għandi l-għatx*"; tistħajjel li qiegħda tisma' 'l aggunizzant Iben tagħha f'baħar ta' disprezz u wġigħat igħid: "*Huwa mitmum*"; tistħajjel li qiegħda tisma' l-għajta l-kbira: "*Missier, f'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi*", u li tarah ibaxxi rasu u jmut. Oh! X'lejl!

Tistħajjel li qiegħda tara s-suldati jiksru saqajn iż-żewġ ħallelin li kienu msallbin wieħed kull naħa maġenb Kristu, u li tara wieħed mis-suldati jgħaddas fil-kustat divin lanza u jislitha b'ċarċir ta' demm u ilma. Tistħajjel li qegħda tara 'l kulħadd imwerwer bil-biża' għad-dalma u għat-terremot u jħabbtu fuq sidirhom jirriturnaw lejn djarhom. Tistħajjel li qiegħda tħoss il-piż tal-ġisem mejjet ippjagat fi ħdanha.

Tistħajjel li qiegħda tara 'l Ġużeppi ta' Arimatea u 'l Nikodemu jeħduh minn ħdanha, jidilkuh bl-ingwent u jaħbuh fil-liżar. Tistħajjel li qiegħda bħall-armla ta' Najm tassoċja fl-akkumpanjament għad-difna. Tistħajjel li qiegħda tara l-ġebla taħbilha l-oġġett ta' qalbha għal kollox. Tistħajjel li qiegħda terġa' tara u tisma' kollox fir-ritorn lejn darha minn dawk in-naħiet. O x'lejl għal Marija Santissma! Oh! X'ripetizzjoni kiefra!

IV. KONKLUŻJONI: Inti, O midneb, tista' ma tarax kemm huwa ikraħ id-dnub, u kemm għandek raġun tħobb lil din l-Omm li permezz tagħha ġie mogħti lilna l-Feddej u s-Salvatur tal-bnedmin? Jista' jkun li ma titgħallimx quddiemha sabiex tapprezza s-sofferenzi li jissieħbu neċessarjament mal-ħajja ta' kull bniedem?

V. TALBA: O Verġni Mbierka, bis-setgħa tiegħek agħmel li l-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu i Ibnek u d-Duluri tiegħek ma jkunux bla frott għalija. Amen.

Nota: San Cabrijel tal-Addolorata jgħid: Marija Santissma tgħodd ruħha midjuna lejn min jagħmel dan l-eżerċizzju.

Nihil Obstat die 27 Octobris 1941 Alois Can. Farrugia Cens. Theol. Imprimatur Datum in Curia Ep.ali Melit. Die 28 Octobris 1931 Can. P. Galea Vic. Gen.

Veritas Press, Żabbar.

DIN KITBA TA' SAN ĠORĠ PRECA TAL-M.U.S.E.U.M FIL-KNISJA TAL-PIETÀ